RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1938 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2023

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għas-sena finanzjarja 2021

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2021,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0141/2023),

A. billi, skont ir-rapport tad-dħul u n-nefqa tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2021 kien ta' EUR 24 860 491, li jirrappreżenta żieda ta' 2,87 % meta mqabbel mal-2020; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa kważi esklużivament derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2021 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'apprezzament li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2021 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100,00 %, jiġifieri l-istess rata bħal dik fl-2020; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 70,95 %, li tirrappreżenta żieda żgħira ta' 0,1 % meta mqabbla mal-2020;

2. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija rriportat aktar minn EUR 7 miljun (27 %) mill-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2021 għall-2022, li 96 % minnhom kienu relatati ma' attivitajiet operattivi; jenfasizza l-opinjoni mġedda tal-Qorti li l-livell għoli ta' riporti jindika kwistjonijiet strutturali fl-implimentazzjoni tal-baġit mill-Aġenzija u jmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità; jinnota li din hija kwistjoni rikorrenti; jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Aġenzija li r-riporti għoljin jirriflettu prinċipalment in-natura tax-xogħol ewlieni tal-Aġenzija, li jinkludi attivitajiet li jkopru diversi xhur jew saħansitra jestendu lil hinn mill-aħħar tas-sena, u li l-perċentwal ta' eżitu tal-baġit tal-Aġenzija hu aktar minn 99 %; jilqa' l-isforzi tal-Aġenzija biex ittejjeb l-ippjanar tal-baġit tagħha billi tistabbilixxi għodda ta' monitoraġġ dwar ir-riporti ppjanati minn sena għall-oħra; jistieden lill-Aġenzija tibqa' timmonitorja l-livell tagħha ta' riporti u ttejjeb iċ-ċikli ta' implimentazzjoni tagħha;

3. Jiddispjaċih dwar il-fatt li t-tabella tal-persunal tal-Aġenzija ilha mill-2017 ma tiżdied, u li ż-żieda baġitarja tirrifletti prinċipalment l-indiċjar mar-rata tal-inflazzjoni u ma kinitx proporzjonata maż-żieda fil-piż tax-xogħol u fit-talbiet, b'mod partikolari wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/555 ([2]), li emenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 ([3]) (ir-"Regolament Fundatur") biex introduċa attivitajiet ġodda fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-kooperazzjoni tal-pulizija; jenfasizza l-fatt li mingħajr riżorsi finanzjarji u tal-persunal adegwati, l-Aġenzija mhux se tkun tista' twettaq il-kompiti kollha assenjati lilha u timplimenta bis-sħiħ il-mandat il-ġdid tagħha, u dan joħloq sitwazzjoni li tista' tolqot il-kwalità tax-xogħol li tipprovdi l-Aġenzija;

([1]) ĠU C 141, 29.3.2022, p. 60.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/555 tal-5 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (ĠU L 108, 7.4.2022, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

Prestazzjoni

4. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija tuża sistema ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) bħala parti mill-kejl tal-prestazzjoni tagħha; jinnota li fl-2021 tlestiet reviżjoni tal-qafas ta' kejl tal-prestazzjoni u tal-KPIs tal-Aġenzija biex jiġu allinjati aħjar mar-rekwiżiti u l-ħtiġijiet tad-dokumenti ta' programmazzjoni u tar-rapporti tal-attività; ifaħħar ir-rata għolja ta' kisbiet abbażi tal-KPIs tagħha fl-2021, meta l-Aġenzija qabżet kważi l-miri kollha stabbiliti għal kull KPI; jinnota, b'mod partikolari, prestazzjoni fenomenali rigward l-għadd ta' eżiti tar-riċerka prodotti, l-inputs mogħtija u l-eżiti aċċessati, u s-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-avvenimenti tal-Aġenzija;

5. Jilqa' l-inizjattivi tal-Aġenzija biex toħloq sinerġiji ma' aġenziji oħra tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI) f'għadd ta' oqsma, inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jinnota b'apprezzament il-kontribut attiv tal-Aġenzija għal total ta' 60 attività fil-qasam tal-ĠAI fl-2021; jilqa' d-deċiżjoni tal-Aġenzija li tipparteċipa f'diversi proċeduri konġunti ta' akkwist, bħal pereżempju dwar il-valutazzjoni tal-ħiliet maniġerjali; jinnota b'mod partikolari l-kooperazzjoni tal-Aġenzija mal-Eurojust fil-qbil dwar lista ta' azzjonijiet konkreti f'oqsma ta' interess komuni (eż. il-Mandat ta' Arrest Ewropew) li għandhom jiġu implimentati fl-2021-2022; jinnota wkoll li fl-2021 l-Aġenzija ffirmat ftehimiet ta' ħidma jew memoranda ta' qbil mal-Europol, mas-CEPOL, mal-Eurojust u mal-EIGE; jilqa' l-appoġġ għad-drittijiet fundamentali offrut mill-Aġenzija għal proġetti relatati mal-IA u l-bijometrika, immexxija mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u mill-Europol;

6. Jinnota li l-Aġenzija kkontribwiet għal total ta' madwar 60 attività fil-qasam tal-ĠAI, inklużi 24 fil-qasam tal-migrazzjoni, l-asil u l-ġestjoni tal-fruntieri, u 16 fil-qasam tas-sigurtà interna u l-kriminalità serja u organizzata; jisħaq fuq l-appoġġ ipprovdut mill-Aġenzija għal proġetti relatati mal-IA u l-bijometrika, immexxija mill-Europol u l-Frontex, u jqis li r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija għandhom jiġu kkunsidrati;

7. Jilqa' l-appoġġ ipprovdut mill-Aġenzija lill-Frontex fl-istabbiliment u r-reklutaġġ tal-osservaturi tad-drittijiet fundamentali (FRMs) u tal-viċi uffiċjal għad-drittijiet fundamentali tal-Frontex; jenfasizza l-fatt li l-Aġenzija kompliet l-involviment tagħha mal-Frontex, u li d-direttur tal-Aġenzija jieħu sehem fil-laqgħat tal-bord ta' tmexxija tal-Frontex; jilqa' wkoll ir-rwol attiv li għandha l-Aġenzija fit-taħriġ tal-FRMs tal-Frontex; ifakkar li, matul l-2021, l-Aġenzija pprovdiet appoġġ minn perspettiva tad-drittijiet fundamentali għal proġetti relatati mal-IA u l-bijometrika mmexxija mill-Europol u l-Frontex;

Politika dwar il-persunal

8. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2021, ġie eżegwit 93 % tat-tabella tal-persunal, bil-ħatra ta' 67 aġent temporanju minn total ta' 72 aġent temporanju li ġew awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (l-istess għadd ta' postijiet tax-xogħol awtorizzati bħal dak fl-2020); jinnota li, barra minn hekk, fl-2021 kien hemm 30,1 aġent kuntrattwali (FTE) u 6 esperti nazzjonali sekondati (SNE) li ħadmu għall-Aġenzija;

9. Jinnota b'sodisfazzjon il-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-membri tal-maniġment superjuri tal-Aġenzija, bi 3 irġiel (50 %) u 3 nisa (50 %) fil-livell tal-bord ta' tmexxija, b'37 minn 64 membru (58 %) li huma nisa, u fi ħdan il-persunal ġenerali tal-Aġenzija, b'49 minn 96 membru (51 %) li huma nisa;

10. Jirrikonoxxi l-ħidma li l-Aġenzija qed twettaq bħalissa biex tiżviluppa qafas tar-riżorsi umani għal perspettiva fit-tul abbażi tal-eżitu ta' tliet eżerċizzji ewlenin rigward qafas ta' kompetenza, valutazzjoni tal-volum ta' xogħol u stħarriġ dwar il-benessri; jilqa', f'dak il-kuntest, l-istabbiliment tal-pjan ta' ġestjoni tar-riżorsi umani l-ġdid tal-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tiffinalizza l-fażijiet li jifdal (valutazzjoni tal-kompetenza u analiżi tal-lakuni tal-forza tax-xogħol) sabiex tintroduċi sistema ta' ġestjoni tat-talent ibbażata fuq il-kompetenza;

11. Jilqa' l-adozzjoni ta' SYSPER mill-Aġenzija fl-2021; jinnota b'apprezzament li l-Aġenzija implimentat 9 moduli u qiegħda taħdem biex timplimenta 3 oħra, bl-intenzjoni li tadotta moduli addizzjonali mill-pakketti bażiċi u fakultattivi;

12. Jinnota li fl-2021 ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' eżawriment mill-Aġenzija; jilqa' l-miżuri li ħadet l-Aġenzija biex tappoġġja l-benessri tal-persunal, bħall-għoti ta' servizzi ta' appoġġ psikoloġiku lill-persunal jew li jkollha konsulent mediku fil-bini darba fil-ġimgħa;

Akkwist

13. Jinnota li fl-2021 l-Aġenzija nediet tmien proċeduri ta' akkwist, tliet kuntratti miftuħa u ħamsa nnegozjati, u ffirmat 546 kuntratt, li tlieta minnhom kienu kuntratti diretti li jirrappreżentaw total ta' EUR 2 768 596, waqt li 480 minnhom kienu kuntratti speċifiċi jew ordnijiet fl-ambitu ta' kuntratti qafas għal total ta' EUR 9 564 632 u s-63 li jifdal kienu kuntratti ta' valur baxx għall-ammont ta' EUR 269 428;

14. Jinnota b'apprezzament li l-Aġenzija tagħmel użu minn eNotices, eTendering u eSubmission fil-proċeduri ta' akkwist tagħha; iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist tagħha u jilqa' l-isforzi tal-Aġenzija lejn l-implimentazzjoni tal-għodda PPMT;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

15. Jilqa' l-miżuri eżistenti u l-isforzi li l-Aġenzija qed twettaq bħalissa biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u rigward il-protezzjoni tal-informaturi; jilqa' l-azzjonijiet li ħadet l-Aġenzija fl-2021 fir-rigward tal-iżvilupp ta' struzzjonijiet ta' ħidma speċifiċi li jispeċifikaw il-fluss tax-xogħol tal-iżvelar ta' informazzjoni protetta interna u l-komunikazzjoni sussegwenti tagħha dwar dawn ir-regoli lill-membri tal-persunal; jinnota li fl-2021 l-Aġenzija rrevediet il-gwida prattika tagħha dwar il-ġestjoni u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess għall-persunal; jinnota wkoll li fl-2021 ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' kunflitti ta' interess u ta' żvelar ta' informazzjoni protetta; ifaħħar lill-Aġenzija talli introduċiet ir-regoli tagħha stess biex tittratta n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jirregolaw l-attivitajiet tal-membri tal-bord tagħha;

16. Jinnota b'apprezzament li s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess ta' kważi l-membri kollha tal-bord ta' tmexxija u l-membri tal-kumitat xjentifiku ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija; jinnota, madankollu, li l-Aġenzija ma ppubblikatx is-CVs tal-membri tat-tim maniġerjali u tal-esperti interni; jinnota, madankollu, li l-Aġenzija tippubblika deskrizzjoni bijografika qasira tal-membri tat-tim maniġerjali u tal-esperti interni; jistieden lill-Aġenzija tippubblika s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess li jifdal u jilqa' l-miżuri li diġà ttieħdu biex jiġu mmitigati r-riskji;

Kontrolli interni

17. Jinnota li fl-2021 l-Aġenzija wettqet eżerċizzju ta' kontroll *ex-post* fuq kampjun ta' tranżazzjonijiet imwettqa matul l-ewwel xhur tal-pandemija fl-2020; jinnota l-konklużjoni tal-Aġenzija li l-attività żvelat żewġ żbalji minuri potenzjali u rriżultat f'xi kummenti formali iżda ma ġiet identifikata l-ebda kwistjoni kritika; jilqa' l-fatt li fl-2021 l-Aġenzija adottat verżjoni aġġornata tal-istrateġija tagħha kontra l-frodi bbażata fuq valutazzjoni tar-riskju speċifika, li tinkludi taħriġ għall-prevenzjoni tal-frodi, il-qawmien ta' kuxjenza tal-persunal permezz ta' sessjonijiet ta' informazzjoni u valutazzjonijiet tar-riskju ta' frodi;

18. Jinnota li fl-2021 l-Aġenzija wettqet valutazzjoni tal-livell ta' implimentazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern il-ġdid tagħha; jinnota l-konklużjoni tal-Aġenzija li l-komponenti kollha tas-sistema huma preżenti u qegħdin jiffunzjonaw, b'xi titjib meħtieġ għall-prinċipji 3, 4, 5 u 14; jinnota, fir-rigward tal-prinċipji 3 u 5, li l-aġġornament tad-deskrizzjonijiet tal-impjieg għall-persunal kollu tlesta b'suċċess fl-2022, bl-allinjament tagħhom mal-mudell SYSPER tal-Kummissjoni; jinnota, fir-rigward tal-prinċipju 4, li l-qafas ta' kompetenza qiegħed jiġi implimentat u jistieden lill-Aġenzija tħaffef l-azzjonijiet tagħha sabiex tiffinalizza l-esternalizzazzjoni ta' politika ta' komunikazzjoni interna integrata (il-prinċipju 14);

19. Jinnota, fir-rigward tal-proċess ta' reġistrazzjoni u awtorizzazzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-Aġenzija, li ġew irreġistrati erba' eċċezzjonijiet fl-2021 għal valur globali tat-tranżazzjonijiet ta' aktar minn EUR 5 000 li l-ebda waħda minnhom, skont il-valutazzjoni tal-Aġenzija, ma kellha impatt finanzjarju;

Diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika

20. Jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex tiżgura post tax-xogħol kosteffettiv u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent; jinnota l-impenn tal-Aġenzija li twettaq valutazzjoni dwar kif tnaqqas l-impronta ambjentali tagħha filwaqt li tqis is-sitwazzjoni tal-bini attwali;

21. Jinnota li l-Aġenzija adottat is-servizzi ta' cloud (marbuta mat-telefonija, il-vidjokonferenzi u l-konferenzi fuq il-web, il-kollaborazzjoni online u l-ġestjoni tad-dokumenti) bejn l-2020 u l-2021, u b'hekk iddiġitalizzat il-flussi tax-xogħol finanzjarji interni u flussi tax-xogħol oħrajn; ifaħħar l-adozzjoni tas-Sistema għall-Ipproċessar tal-Missjonijiet (MiPS), li tikkontribwixxi għall-isforzi ta' diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija u l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji, inkluż billi tissostitwixxi flussi tax-xogħol ibbażati fuq il-karta filwaqt li toffri kapaċitajiet ta' rapportar aħjar lill-persunal tagħha u l-funzjoni tar-riżorsi umani tagħha; ifaħħar ukoll l-azzjonijiet li qed timplimenta l-Aġenzija biex tiżgura ċ-ċibersigurtà, kif ukoll il-miżuri l-ġodda implimentati fl-2021, bħall-użu ta' awtentikazzjoni b'żewġ fatturi, il-monitoraġġ tal-konnessjoni tal-ġeolokalizzazzjoni, u l-installazzjoni tal-aħħar aġġornamenti tal-prodotti; iħeġġeġ lill-Aġenzija taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u mas-CERT-UE (l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni) u twettaq valutazzjonijiet tar-riskju regolari tal-infrastruttura tal-IT tagħha u tiżgura li jsiru awditi u testijiet regolari tad-difiżi ċibernetiċi tagħha;

Kontinwità tal-operat matul il-kriżi tal-COVID-19

22. Jinnota li l-pjan ta' kontinwità tal-operat baqa' attiv fl-2021, u l-Aġenzija wettqet il-laqgħat u l-avvenimenti kollha tagħha virtwalment; jissottolinja li, bħala konsegwenza ta' dan, minn total ta' 29 attività ta' taħriġ ippjanati, fil-fatt saru biss 13, permezz ta' soluzzjonijiet online, u dan jirrappreżenta rata ta' implimentazzjoni baxxa ta' 45 %; jinnota wkoll li, biex jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fin-nuqqas ta' laqgħat bejn il-persuni, ittieħdu serje ta' deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija fil-forma ta' proċeduri bil-miktub; josserva li, fir-rigward tar-reklutaġġ, l-Aġenzija għamlet użu mit-teknoloġiji tal-vidjokonferenzi għall-intervisti tal-kandidati;

23. Jinnota li matul l-2021, l-Aġenzija wettqet valutazzjoni tar-riskju speċifika fuq il-proġetti kollha tal-2021, filwaqt li qieset ir-riskji relatati mal-pandemija tal-COVID-19; ifaħħar lill-Aġenzija, f'dan il-kuntest, talli identifikat azzjonijiet ta' mitigazzjoni li l-implimentazzjoni tagħhom ippreveniet impatti kbar fuq il-finalizzazzjoni tal-attivitajiet ippjanati tal-proġetti; jissottolinja li l-Forum dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2021, bħala l-avveniment ewlieni dwar l-istat tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-Unjoni, ġie organizzat b'format ibridu; Iħeġġeġ lill-Aġenzija tpoġġi fil-prattika t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 sabiex fil-futur torganizza aħjar il-laqgħat, l-avvenimenti u l-intervisti li jistgħu jsiru b'mod aktar effiċjenti b'mod remot pjuttost milli wiċċ imb wiċċ;

Kummenti oħra

24. Jinnota l-ħidma kontinwa tal-Aġenzija biex iżżid il-viżibbiltà pubblika u l-preżenza online tagħha, b'għadd ta' inizjattivi bħas-sett ta' għodod tal-media elettronika dwar il-migrazzjoni, l-għodda għat-tagħlim elettroniku dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni u l-podcast dwar id-drittijiet fundamentali; jinnota, b'mod partikolari, li 798 organizzazzjoni mill-Istati Membri kollha tal-UE u mill-pajjiżi kandidati ħadu sehem fil-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali tal-Aġenzija fl-2021, li laqgħet flimkien aktar minn 3 000 persuna mid-dinja kollha; jenfasizza l-fatt li l-Aġenzija kompliet tkun l-aġenzija tal-Unjoni bl-ogħla għadd ta' ordnijiet ta' pubblikazzjoni; jinnota li r-referenzi għall-Aġenzija fil-media żdiedu b'35 %;

25. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 ([4]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([4]) Testi adottati, P9_TA(2023)0190.